# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022.**

**Numru 11**

**Rikors numru 76/2012/1 JVC**

**Margaret Falzon**

**v.**

**Joseph u Miriam konjuġi Spiteri; Saviour Spiteri; Francis Spiteri u b'digriet tat-18 ta' Ġunju 2013 ġiet kjamata fil-kawża Maria Spiteri u b'digriet tat-23 ta' Ottubru 2013 Dr Jean Paul Grech ġie nominat kuratur ta' Maria Spiteri stante li l-istess ma hijiex *compus mentis***

**PRELIMINARI:**

1. L-attriċi permezz ta' din il-kawża talbet il-qasma ta' tliet ereditajiet: ta' missierha Francesco Spiteri, u ta' ħut missierha Francesca Spiteri u Giuseppa Spiteri. L-attriċi u l-konvenuti Joseph, Francis u Saviour huma aħwa, u l-kjamata fil-kawża tiġi ommhom. (Saviour Spiteri ddikjara li

m'għandux interess fl-ereditajiet u għalhekk l-attriċi ċediet il-kawża fil-konfront tiegħu.) Ħamest ijiem qabel ma ngħatat is-sentenza, il-konvenut Joseph Spiteri ppreżenta rikors (datat 23 ta' Ġunju 2016) fejn ikkontesta l-istituzzjoni tal-attriċi oħtu Margaret Falzon bħala eredi universali ta' Giuseppa Spiteri fit-testment tal-istess Giuseppa Spiteri "*stante li din kienet tistrieħ fuq żewġ kundizzjonijiet riżoluttivi u kumulattivi*" li skont hu ma avverawx ruħhom. Qal li għalhekk kontestwalment mar-rikors kien qed jippreżenta rikors ġuramentat "*li permezz tiegħu qiegħed jitlob illi jiġi dikjarat li l-ħames artikolu tat-testment ta' Giuseppa Spiteri ma għandux effett u għalhekk l-aħwa kollha ulied Francesco Spiteri għandhom jiġu ddikjarati bħala werrieta tal-imsemmija Giuseppa Spiteri.*" Qal ukoll li fid-dawl tal-Art. 794 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kien qed jeċċepixxi l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* stante li tali deċiżjoni taffettwa l-eżitu tal-proċeduri odjerni. Għalhekk talab lill-Qorti tordna s-soprasessjoni tal-kawża u tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza pendenti l-eżitu tal-proċeduri hekk istitwiti kontemporanjament mar-rikors.

2. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju 2016 ċaħdet it-talba tal-konvenut Joseph Spiteri għas-sospenzjoni tal-kawża u s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u għaddiet biex tiddeċiedi l-kawża fuq il-mertu. Is-sentenza tagħha ġiet emendata permezz ta' digriet datat 14 ta' Lulju 2016 wara rikors tal-attriċi Margaret Falzon li fih ġibdet l-attenzjoni tal-

Qorti li t-tmien (8) talba (biex jiġi nominat nutar u jiġi ffissat jum, lok u ħin għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' qasma u kuratur għall-eventwali kontumaċi) ma ġietx deċiża.

3. Il-konvenut Joseph Spiteri ħassu aggravat bil-fatt li l-ewwel Qorti ċaħdet ir-rikors tiegħu u għaddiet biex tagħti s-sentenza u għalhekk fit-3 ta' Awwissu 2016 intavola l-appell odjern, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti:

> *"…tilqa' dan l-appell, u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din ċaħdet it-talba tal-esponenti appellanti għas-soprasessjoni tal-kawża u tas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u għalhekk tħassar u tirrevoka l-kumplament tal-istess sentenza in kwantu din ingħatat fuq fatti speċje li qegħdin jiġu kkontestati f' ġudizzju separat u li jistgħu għalhekk jinbidlu; u konsegwentement tirrimetti l-proċess lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex dina tiddeċiedi l-mertu tal-kawża wara li jkun hemm eżistu definittiv fil-kawża fl-ismijiet Joseph Spiteri et vs Margaret Falzon et (Rikors Ġuramentat Nru. 44/2016, bl-ispejjeż kontra l-appellati."*

4. L-aggravju tal-konvenuti appellanti bażikament jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti skartat l-eċċezzjoni tal-"*lis alibi pendens*" imqajma minnhom fir-rikors tat-23 ta' Ġunju 2016, fejn talbuha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u konsegwentement tissoprasjedi l-kawża pendenti l-eżitu ta' kawża oħra li ppreżentaw dakinhar stess stante li l-eżitu tagħha ser jimpinġi fuq il-mertu tal-kawża odjerna. (Il-kawża li ppreżentaw hija dik bin-nru 44/2016 fl-ismijiet ***Joseph Spiteri et v. Margaret Falzon et***).

5. Jispjegaw li permezz tal-kawża nru 44/2016 qed jikkontestaw li

Margaret Falzon hija fil-fatt l-eredi universali ta' Giuseppa Spiteri, stante li hija ġiet innominata bħala eredi universali fit-testment tal-istess Giuseppa Spiteri tat-2 ta' Frar 2005 bil-patt u l-kundizzjoni li Margaret Falzon u l-familjari tagħha jirrendulha s-serviġi, kuri u assistenzi li hija kellha bżonn sal-ġurnata ta' mewtha u b'mod speċifiku li ma jirrikoverawhiex f'dar jew istitut. Jaċċennaw għall-fatt li Giuseppa Spiteri mietet f'dar tal-anzjani fir-Rabat, Għawdex, u dan kontra l-kundizzjoni kontenuta fit-testment tagħha. Jargumentaw li jekk it-talba tagħhom fil-kawża nru 44/2016 tintlaqa', il-wirt u s-suċċessjoni li tagħhom qed tintalab id-diviżjoni f'din il-kawża odjerna jkollu jiġi spartit f'ishma differenti minn dawk kif deċiżi mill-ewwel Qorti.

6. Ifakkru li meta l-Qorti tkun affaċċata b'eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens,* hija tenuta li tistenna l-eżitu tal-proċeduri li jistgħu jinfluwixxu fuq id-deċiżjoni tagħha qabel ma tiddeċiedi dwar il-mertu tal-każ li jkollha quddiemha.

7. Jikkummentaw ukoll li l-kawża nru. 44/2016 kienet oriġinarjament ġiet assenjata lill-ewwel Qorti kif preseduta, u li hija fil-fatt astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-atti proprju; jenfasizzaw li r-raġuni li tat kien proprju għaliex "*tat sentenza li b'xi mod tista' timpinġi fuq il-mertu ta' din il-kawża*". Isostnu li dan ikompli jsaħħaħ l-aggravju tagħhom.

8. Iżidu jgħidu li l-fatt li talbu s-soprasessjoni u s-sospensjoni tas-sentenza ħamest (5) ijiem biss qabel ma ngħatat is-sentenza mhux ta' importanza, għaliex l-Art. 794 tal-Kap 12 jistabbilixxi li l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* jew ta' konnessjoni ta' kawża ma' oħra tista' tingħata *"f'kull żmien sas-sentenza".*

9. Jargumentaw ukoll li d-dikjarazzjoni li għamlu (fejn qalu li l-kwoti kif indikati huma korretti) ma tistax titqies bħala li eżawrew id-dritt sagrosant tagħhom li jopponu għall-proċeduri relattivi għall-kontestazzjoni tat-testment.

10. L-attriċi Margaret Falzon wieġbet biex tgħid li s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fit-28 ta' Ġunju 2016, hekk kif emendata bid-digriet tal-14 ta' Lulju 2016, hija ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż kontra l-appellanti. Inoltre ssostni li l-appell huwa fieragħ u vessatorju u li allura l-appellanti għandhom jiġu kkundannati jħallsu spejjeż doppji a tenur tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. L-Avukat Jean Paul Grech bhala kuratur ta' Maria Spiteri sostna li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma *in toto*. Ippreċiża li l-preżenza ta' Maria Spiteri f'dawn il-proċeduri kienet intiża biss għall-integrita` tal-ġudizzju. Jispjega li l-unika interess tagħha huwa li l-arranġamenti viġenti għall-ħlas tal-ispejjeż għas-soġġorn ta' Maria Spiteri

fid-dar tar-residenza għall-anzjani f'San Lawrenz, Għawdex, jibqa' fis-seħħ, u għalhekk mill-bqija jirrimetti ruħu, b'dan li Maria Spiteri m'għandhiex tbati l-ebda spejjeż ta' din l-istanza.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**Il-kawża 44/2016/PC**

12. Qabel xejn din il-Qorti tosserva li l-kawża nru. 44/2016/PC fl-ismijiet ***Joseph Spiteri u Francis Spiteri v. Margaret Falzon u Salvu Spiteri*** li permezz tagħha Joseph Spiteri u ħuh Francis Spiteri talbu li jiġi dikjarat li dik il-parti tat-testment tat-2 ta' Frar 2005 fejn iz-zija tagħhom Giuseppa Spiteri ħalliet lil oħthom Margaret Spiteri eredi universali, m'għandhiex effett, ġiet deċiża fil-25 ta' Ottubru 2017. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, b'referenza għal kawża l-oħra (44/2016PC) odjerna kkonkludiet li l-atturi **rrinunzjaw għad-dritt li jikkontestaw xi dispożizzjoni testamentarja** li a bażi tagħha kellha ssir tali diviżjoni.

13. Minn tali deċiżjoni sar appell (nru. 44/2016), li nstema' kontestwalment quddiem il-Qorti tal-Appell u qed tingħata sentenza flimkien ma' din is-sentenza.

14. Rigward l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens* minkejja li Joseph Spiteri ma talabx permess sabiex jippreżenta eċċezzjoni ulterjuri, l-ewwel Qorti qieset li kien fil-fatt qajjem tali eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* fir-rikors tiegħu. Hija spjegat li fit-termini tal-Artikolu 974 [subinċiż (2)] kellha l-fakulta` li tiddeċiedi tali eċċezzjoni fl-istess ħin li tiddeċiedi l-mertu.

15. Din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* kellha x'taqsam ma-ċirkostanzi eżistenti fit-23 ta' Ġunju 2016.

16. Huma l-Artikoli 792-794 tal-Kap 12 (it-Tielet Ktieb, Titolu II, Sub-Titolu VII) li jikkontemplaw l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* jew ta' konnessjoni ta' kawża ma' kawża oħra.

17. L-Artikolu 792 (*lis alibi pendens*) jikkontempla ċirkostanzi fejn hemm kawżi bl-istess oġġett, u l-Artikolu 793 (konnessjoni tal-kawżi) jikkontempla kawżi fejn li għandhom konnessjoni ta' suġġett, jew fejn id-deċiżjoni ta' waħda tista' tolqot id-deċiżjoni tal-oħra. F'tali ċirkostanzi jista' jiġi ordnat li tali kawżi jinstemgħu flimkien.

18. Biex konvenut jissolleva l-*lis alibi pendens* f' kawża, irid diġa` jkun hemm kawża oħra bl-istess oġġett, u li tkun ġiet intavolata qabilha – dan ma kienx il-każ in kwistjoni. Meta l-konvenut Joseph Spiteri eċċepixxa l-*lis alibi pendens* fir-rikors tat-23 ta' Ġunju 2016 (apparti l-fatt li ma talab l-

ebda permess biex jagħmel dan) ma kien hemm l-ebda kawża oħra li saret qabel din odjerna; invece kien għadu kif ippreżenta jew kien għadu kemm ippreżenta kawża ġdida dakinhar stess, ċioe` addirittura erba' snin wara l-kawża odjerna. Inoltre l-iskop ta' eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* hu li l-kawżi jinstemgħu flimkien quddiem l-istess qorti u mhux li kawża quddiem qorti waħda tiġi sospiża pendenti l-eżitu tal-oħra quddiem qorti oħra.

19. Għalhekk ir-rikors tat-23 ta' Ġunju 2016 għandu jitqies bħala rikors għal soprasessjoni u sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u xejn iktar.

**Talba għal soprasessjoni u sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza:**

20. Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana li s-soprasessjoni hija miżura eċċezzjonali li għandha tintuża b'kawtela kbira.

21. L-ewwel Qorti fil-kawża odjerna ċaħdet it-talba għas-soprasessjoni u sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(i) kopja tar-rikors ġuramentat ma ġiex anness mar-rikors għal soprasessjoni u għalhekk il-kontenut tiegħu ma tpoġġiex a

konjizzjoni tagħha;

(ii) għalkemm it-testment ta' Giuseppa Spiteri ilu ben not lill-konvenut sa mis-sena 2010, qatt ma qajjem xi ilment dwaru: la qabel ma ġiet intavolata l-kawża fl-2012 u lanqas fil-mori;

(iii) addirittura fin-nota li ppreżenta fit-30 ta' Jannar 2015 (fol 164), in ottemperanza mal-verbal tal-20 ta' Novembru 2014, il-konvenut iddikjara li l-ishma kif indikati fil-lista a fol 60, huma korretti stante li jirriżultaw mill-kuntratti u testmenti relattivi tal-persuni involuti;

(iv) ir-rikors għal soprasessjoni jikkontradixxi b'mod assolut id-dikjarazzjonijiet preċedenti tal-konvenut u allura huwa abbużiv u intiż biex itawwal il-proċedura għad-detriment tal-attriċi.

22. Din il-Qorti *considerando* ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u b'mod partikolari t-tielet u r-raba' raguni tal-ewwel Qorti, u anke fid-dawl tas-sentenza tallum fil-kawza Joseph Spiteri et v. Margaret Falzon et (44/2016PC) ma tarax li għandha tiddisturba l-pożizzjoni tal-ewwel Qorti.

**DECIDE**

23. Għal dawn il-motivi qegħda tiċħad l-appell tal-konvenuti Joseph u

Miriam konjuġi Spiteri u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto.*

24. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr